MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2381/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Nicholas Cascun u l-istess Nicholas Cascun f'ismu proprju**

**Vs**

**Sarah Jane Scicluna**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm466.89c) jew somma verjuri rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJD 877 assigurata maghha hlief ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175) rapprezentanti *excess* li thallset mill-

assigurat Nicholas Cascun b'rizultat ta' habta li grat fid-9 t'Awissu, 2004 go Hal Lija waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBO 785 li hija proprjeta' ta' Nicholas Cascun u kienet misjuqa minn Keith Cascun.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghax l-incident stradali *de quo* ma kienx jahti ghall-eccipjenti.

Sema' x-xhieda ta' Warden 99 Mario Galea, Keith Cascun, Alexia Abela, Sarah Jane Scicluna, Stephanie Cilia u ta' Marica Leone Ganado.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Renato Cefai ghall-atturi u ta' Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet Hal Lija fi Triq Sir Ugo Mifsud li tigi kantuniera mal-pjazza. It-tifel ta' l-attur li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BJD 877 kien niezel minn Triq Sir Ugo Mifsud li fil-post fejn sar l-incident tidjieq u mbaghad tiftah ghall-pjazza zghira. Huwa jghid li lemah il-vettura tal-konvenuta gejja mid-direzzjoni opposta tieghu izda billi proprju fejn hemm il-*bottle neck* huwa kien jaf li ghandu d-dritta baqa' sejjer izda l-vettura l-ohra baqghet diehla u b'hekk iz-zewg karozzi habtu. Huwa kien jaf illi f'dak il-*bottle neck* ma setghux jghaddu zewg karozzi fl-istess hin.
Il-konvenuta ssostni illi dakinhar ta' l-incident hija kienet gejja mill-pjazza bl-intenzjoni li taqbad Triq Sir Ugo Mifsud. Qabel il-post fejn sar l-incident hemm statwa u hemm *give way sign* izda ma waqfitx hemmhekk u mxiet ftit safejn hemm l-i*stop sign* proprju fejn sehh l-incident. Hija tghid illi meta waslet qrib l-i*stop sign* rat il-karozza misjuqa minn Cascun gejja mid-direzzjoni opposta u li kienet *wrong side* u li kienet gejja ezatt fuqha, pero' ma rathiex mill-boghod u fil-fatt hi tghid li din il-karozza giet ezatt fuqha.

Fil-lokal fejn sehh l-incident hemm *stop sign* li jindika li l-konvenuta kienet obbligata li tieqaf qabel ma tasal ghall-*bottle neck*. Iz-zewg karozzi habtu fuq in-naha tal-konvenuta ta' l-i*stop sign*, jigifieri l-konvenuta ma kienetx qabzet is-sinjal ta' l-i*stop* u dan jidher car mill-*handwritten sketch* li esebixxa l-Warden, mir-ritratti esebiti u mid-depozizzjoni ta' l-istess Warden. Il-hsara fiz-zewg vetturi hija fix-xewka ta' quddiem min-naha tad-*driver*, tista' tghid 'il hemm min-*number plate* ta' kull vettura. Din m'hijiex daqqa kbira u ghalhekk m'huwiex kredibbli illi b'rizultat ta' l-impatt il-vettura ta' Cascun giet imbuttata lura kif ipprova jghid.

F'din il-kawza saret asserzjoni illi Cascun ressaq il-vettura wara li sehh l-incident, izda m'hemm ebda allegazzjoni li l-vettura ta' Scicluna tressqet. Fil-fatt jekk wiehed jezamina l-i*sketch* esebit, dan juri zewg karozzi wieqfin izda mhux fuq xulxin. Tenut kont li l-Warden afferma li l-vettura ta' Scicluna kienet ftit 'il hemm mill-i*stop sign*, cjoe' tahtha, tas-sketch u tar-ritratti, tal-mod angolat kif spiccat il-vettura ta' Cascun, tax-xhieda tal-konvenuta u taz-zewg xhieda minnha mressqa t-Tribunal huwa sodisfatt li gie debitament ippruvat li l-vettura ta' Cascun tressqet wara l-incident, u jekk wiehed jipprova jcaqlaq il-vettura ta' Cascun b'mod illi z-zewg vetturi jigu mahbuta ma' xulxin ifisser illi huwa kien ftit *wrong side* fil-post fejn sehh l-incident.

Cascun jghid li huwa konxju tal-lokal u jaf li ghandu r-*right of way*. Dan ma jfissirx li ghax ghandu d-dritta ghandu d-dritt jabbuza minn tali *right of way.* Huwa kien obbligat isuq b'mod prudenti partikolarment billi bien midhla tal-lokal u kien jaf li hemm *bottle neck* fil-lokal u hemm vizwali ristretta. Fl-approach tieghu lejn il-*bottle neck* huwa kellu jiehu angolatura b'mod li l-*oncoming traffic* ikollu vizwali tieghu u jkun jista' jarah.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi Cascun ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta' stante li minkejja li kellu r-*right of way,* jidher car li kien qed jabbuza minn tali *right of way*, u ma kienx qed isuq b'mod ghaqli u prudenti kif dettat mil-

lokalita' li hija maghrufa bhala lokalita' fejn it-toroq iserrpu, jvarjaw fil-wisat taghhom u fihom hafna sqaqien dojoq u *blind corners*.

Illi da parti tas-sewqan tal-konvenuta Scicluna, t-Tribunal ma jemminx li din waqfet hdejn il-*give way sign* vicin l-istatwa u lanqas ma jidher li kienet intenzjonata li tieqaf *dead stop* qabel ma taqsam l-i*stop sign*. It-Tribunal huwa konvint li l-konvenuta waqfet b'rizultat ta' l-impatt u dan huwa kkonfermat anki mill-fatt li hemm *brake marks* kif jidher mill-i*sketch* esebit (ghalkemm mhux iz-zewg *brake marks* indikati huma tal-vettura taghha). Dan ifisser illi kieku m'ghafsitx il-*brake* qawwi, hija kienet tibqa' miexja u dan ma jurix atteggjament ta' xi hadd li kien bihsiebu jieqaf fl-i*stop sign*.

It-Tribunal irid jaghmilha cara illi ghalkemm huwa minnu illi l-konvenuta ma kienetx sejra tieqaf, huwa tal-fehma illi din ma kienetx ir-raguni unika ghaliex sehhet il-kollizjoni ghalkemm jidher ukoll illi din hija r-raguni principali u ghalhekk il-konvenuta ghandha terfa' aktar mir-responsabbilta' milli ghandu jerfa' Cascun u t-Tribunal jikkalkula li jkun gust u ekwu li l-apporzjament tar-responsabbilta' jkun fi grad ta' 2/3 : 1/3.

Illi ghar-rigward tad-danni, l-konvenuta ddikjarat li dawn m'humiex qed jigu kkontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal isib lill-konvenuta responsabbli fi grad ta' zewg terzi (2/3) ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement il-konvenuta qieghda tigi kkundannata sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm311.26c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal terz (1/3) ghall-atturi u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------